MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 960/1999/1

**Alex u Cheryl Camilleri fil-kwalita` taghhom bhala legittimi rapprezentanti tat-tifla minuri taghhom Rebecca Camilleri**

**v.**

**Silvio Camilleri u Master Wine Limited**

**Il-Qorti:**

**<u>I PRELIMINARI</u>**

1. Din il-kawza saret in konnessjoni ma' incident li sehh fl-20 ta' Dicembru 1998, f'San Pawl tat-Targa, meta tifla ta'

tmien (8) snin, Rebecca Camilleri, korriet meta ceda kantun minn fuq cint u waqa' fuq idejha, bir-rizultat li hija sofriet dizabilita` permanenti. Il-genituri tal-minuri cioe` Alex u Cheryl Camilleri, in rapprezentanza ta' l-imsemmija binthom ("l-atturi") ipprezentaw citazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April 1999, kontra Silvio Camilleri u Master Wine Limited ("il-konvenuti") ghaliex sostnew li l-imsemmi incident sehh tort tal-konvenuti jew min minnhom minhabba imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti meta gie kostruwit cint li ma sarx skond is-sengha u l-arti. Inoltre, il-konvenuti ma mantnewx l-istess cint b'diligenza. L-atturi talbu li dik l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li l-incident in kwistjoni sehh tort tal-konvenuti jew min minnhom;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi a kawza ta' dan l-incident *okkorrendo* bl-opera ta' periti nominandi; u

3. tikkundana lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma hekk likwidata.

2. Il-konvenuti ikkontestaw il-kawza bis-segwenti eccezzjonijiet:

"1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni hija nulla stante li mhix iffirmata minn prokuratur legali u mhux istitwita fl-ebda qorti fil-formola tac-citazzjoni u dan kif inhu tassattivament rikjest mil-ligi.

2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal permess it-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda stante li:-

a) huma mhumiex il-legittimi kontradditturi peress li huma mhux is-sidien tac-cint in kwistjoni;

b) illi inoltre u bla pregudizzju ghal permess ix-xogholijiet fuq l-istess cint ma tkomplewx stante li kien hemm ordni tal-Qorti permezz ta' mandat ta' inibizzjoni istitwit minn certu Ivan Gravina;

c) illi inoltre l-hajt inbena skond l-arti u s-sengha u dan skond kif jista jiccertifika l-perit Dennis de Lucca;

d) illi l-istess hajt kien jigi regolarment mantenut;

e) illi l-atturi huma l-kawza tad-danni sofferti lil binthom u dan stante li ma ipprovdewx kustodja adegwata u hallew lil binthom tigri barra minghajr is-sorveljanza taghhom."

3. L-ewwel Onorabbli Qorti iddisponiet mill-kawza b'sentenza li giet pronunzjata minnha fis-16 ta' Ottubru, 2002. Id-dispozittiv ta' l-imsemmija sentenza huwa fis-sens li l-incident in kwistjoni sehh b'responsabilita` tal-konvenuti u ta' l-istess minuri Rebecca Camilleri, kwantu ghal terz (1/3) mit-tort ghall-konvenuti, u kwantu ghal zewg terzi (2/3) mit-tort ghall-minuri Rebecca Camilleri. Dik il-Qorti irrizervat l-ispejjez ghad-decizjoni finali u iddiferiet il-kawza ghall-kontinwazzjoni dwar it-talbiet l-ohra kontenuti fl-Att tac-Citazzjoni. Ghall-kompletezza l-imsemmija decizjoni tas-16 ta' Ottubru 2002, qeghda tigi annessa ma' l-odjerna sentenza bhala appendici biex tifforma parti integrali minnha, u dan billi l-istess sentenza tikkontjeni l-motivazzjonijiet kollha li wasslu lil dik il-Qorti tiddeciedi l-kawza bil-mod kif deskritt fil-paragrafu precedenti.

## II L-APPELL

4. Il-konvenuti hassewhom aggravati b'din id-decizjoni in parte ta' l-ewwel Onorabbli Qorti u interponew appell minnha quddiem din il-Qorti fit-28 ta' Ottubru, 2002. Ghar-ragunijiet li jispjegaw fl-istess rikors ta' appell taghhom, il-konvenuti talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tipprovdi minflok billi tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

5. Fir-risposta ta' l-appell taghhom, l-atturi appellati wiegbu ghall-aggravji li ressqu l-konvenuti u inoltre l-istess atturi appellanti ressqu quddiem din il-Qorti appell incidentali in kwantu allegaw li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-ligi kif ukoll tal-provi meta

iddecidiet li terz (1/3) biss mir-responsabilita` ta’ l-incident kienet attribbwibbli lill-konvenuti. Ghalhekk l-istess atturi appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn din cahdet l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, thassarha u tirrevokaha fejn attribbwiet terz (1/3) mit-tort ta’ l-incident in kwistjoni lill-konvenuti u zewg terzi (2/3) lil Rebecca Camilleri, u minflok jew tattribwixxi t-tort kollu ta’ l-incident lill-konvenuti jew alternittivament tattribwixxi l-parti l-kbira mit-tort lill-konvenuti.

6. Fil-mori ta’ l-appell, ezattament fit-3 ta’ April 2003, il-konvenuti appellanti ipprezentaw rikors, li jinsab a fol. 128 tal-process, li bih talbu li jesebixxu kopja legali tad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Jannar 2003, fil-kawza fl-ismijiet “John u Christine konjugi Gravina v. Cammast Limited” (citazzjoni Nru. 453/1996), liema sentenza iddecidiet li l-art li kien gara l-incident in kwistjoni kienet proprjeta` tal-konjugi Gravina u mhux ta’ Cammast Limited. Din it-talba giet opposta mill-atturi appellati, izda din il-Qorti b’digriet moghti fl-udjenza tat-2 ta’ Gunju 2003, laqghet it-talba tal-konvenuti appellanti wara li rat in partikolari il-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (1) ta’ l-Artikolu 150 tal-Kap. 12.

7. Fit-2 ta’ Gunju 2003, il-konvenuti intavolaw risposta ghall-appell incidentali ta’ l-atturi li biha talbu li l-appell incidentali jigi michud bl-ispejjez u dan ghall-istess ragunijiet li huma kienu taw fir-rikors ta’ l-appell taghhom.

8. A fol. 138 *et seq.* tal-process hemm esebita l-imsemmija sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Jannar 2003, fl-ismijiet “Gravina v. Cammast Limited” li biha gie dikjarat, inter alia li l-art meritu ta’ dik il-kawza u li kienet okkupata mis-socjeta` konvenuta Cammast Limited hija proprjeta` ta’ l-attur John Gravina.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

9. Din il-kawza qeghda ssir mill-genituri tal-minuri Rebecca Camilleri, kontra l-konvenuti sabiex il-Qorti tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli

ghad-debilita` permanenti sofferta mill-istess minuri f'incident li sehh f'San Pawl tat-Targa fl-20 ta' Dicembru, 1998. L-atturi qeghdin jitolbu wkoll li d-danni konsegwenzjali jigu likwidati mill-Qorti u li l-istess konvenuti, jew min minnhom, ikun ikkundannat li jhallas lill-atturi nomine s-somma tad-danni hekk likwidata. L-incident sehh meta din it-tifla Rebecca Camilleri telghet fuq cint mibni bi knaten tas-seba' pulzieri (7"), kantun minnhom ceda biha, waqa' u gie fuq il-pala ta' jdejha l-leminija b'rizultat li hija tilfet parti minn zewg swaba' ta' l-istess id, apparti hsara ohra. Dan ic-cint kien jinsab ftit metri l-boghod mid-dar fejn tabita l-istess minuri u kien adjacenti ghall-bankina fit-triq. L-atturi qeghdin jallegaw li dan l-incident sehh tort tal-konvenuti jew min minnhom. Qeghdin jallegaw li fil-kostruzzjoni ta' dan ic-cint huma kienu jahtu ta' imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti b'mod li l-istess cint ma giex mibni skond is-sena u l-arti. Inoltre, qeghdin jallegaw ukoll illi huma ma hadux hsieb il-manutenzjoni ta' l-istess cint, u b'hekk ma uzawx id-diligenza rikjesta minnhom.

10. Il-konvenuti ikkontestaw il-kawza fl-ewwel lok b'eccezzjoni procedurali li biha allegaw li l-att tac-citazzjoni kien null, ghaliex il-formola ma indikatx l-isem tal-Qorti fejn il-kawza giet istitwita kif ukoll ghaliex l-istess att tac-citazzjoni ma giex iffirmat minn prokuratur legali. Imbaghad, ghaddew ghal eccezzjonijiet fil-meritu u l-ewwel eccezzjoni ta' dan it-tip kienet illi huma ma kienux il-legittimi kontraditturi f'din il-kawza, peress li huma ma kienux is-sidien tac-cint in kwistjoni. Eccezzjonijiet ohra kienu fis-sens li xogholijiet fuq l-istess cint ma tkomplewx stante li kien hemm ordni tal-Qorti minhabba mandat ta' inibizzjoni istitwit minn terza persuna, kif ukoll li l-hajt inbena skond l-arti u s-sena, li l-istess hajt kien jigi regolarment mantenut, kif ukoll l-atturi jahtu tad-danni li soffriet binthom peress illi ma hadux binthom sewwa u hallewha tigri barra minghajr is-sorveljanza taghhom.

11. L-ewwel Onorabbli Qorti, gabret il-provi kollha li ressqulha l-kontendenti, kif ukoll innominat esperti fosthom l-arkitett u inginier civili Albert Fenech, li ipprezenta relazzjoni kif ukoll pjanti dwar ic-cint u l-post

meritu tal-kawza, liema relazzjoni tinsab a fol. 39 *et seq.* tal-process. Dik il-Qorti, kif rajna, iddecidiet il-kawza parzjalment, u precizament iddecidiet il-kwistjoni tar-responsabilita` ghall-incident u waslet ghall-konkluzjoni li din ir-responsabilita` kellha tigi maqsuma kwantu ghal terz (1/3) da parti tal-konvenuti u kwantu ghar-rimanenti zewg terzi (2/3) da parti ta' l-imsemmija minuri Rebecca Camilleri.

12. Minn din is-sentenza in parte appellaw il-konvenuti, kif ukoll appellaw incidentalment l-atturi. Il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina l-aggravji li ressqu l-konvenuti appellanti.

13. L-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti huwa precizament li l-ewwel Qorti kienet naqset li titratta u tiddeciedi l-eccezzjoni procedurali preliminari li tressqet minnhom. B'din l-eccezzjoni huma qeghdin jallegaw li c-citazzjoni hija nulla minhabba li ma gietx iffirmata minn prokuratur legali kif ukoll li minhabba l-kompetenza tal-Qorti ma gietx indikata fl-istess formola tac-citazzjoni.

14. Effettivament jekk wiehed ihares lejn l-ewwel pagna tal-process wiehed isib li l-formola tac-citazzjoni tindika <u>zewg</u> qrati, cioe` l-Prim Awla tal-Qorti Civili kif ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri. Naturalment l-atturi kellhom jikkancellaw wahda minn dawn il-qrati biex jindikaw espressament f'liema qorti c-citazzjoni giet prezentata. Allura wiehed isaqsi: il-fatt li l-atturi, jew ahjar l-avukat taghhom, naqsu li jikkancellaw minn fuq il-formola l-kliem li jirreferi ghall-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex ghandu jgib li l-att tac-citazzjoni huwa null u minghajr ebda effett? Il-konvenuti jinnutaw ukoll li l-att tac-citazzjoni ma giex iffirmat ukoll minn prokuratur legali u allura qeghdin jallegaw li l-istess att tac-citazzjoni kien null u bla effett ghaliex din il-firma kienet mehtiega.

15. L-ewwel Onorabbli Qorti, x'aktarx bi zvista, injorat kompletament din l-eccezzjoni preliminari li taw il-konvenuti.

16. Bhala regola generali, il-gurisprudenza tat-tribunali taghna tishaq li kemm jista' jkun l-atti ghandhom jigu salvati. Il-Qrati taghna prattikament dejjem enfasizzaw li biex tigi dikjarata nulla citazzjoni u b'hekk jitwaqqaf il-kors taghha, jehtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet gravi, fosthom dak li n-nuqqas allegat ikun gab pregudizzju evidenti ghad-difiza tal-konvenut. Meta ma jkunx hemm tali pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut, jew, fil-kaz li in-nuqqas fic-citazzjoni jkun hemm xi haga ohra li taghmel tajjeb ghalih, allura c-citazzjoni ma ghandhiex tigi annullata. Minbarra dan, gie kemm-il darba deciz mill-qrati taghna li jekk ic-citazzjoni jkollha xi haga mhix cara bizzejjed go fiha, izda li din il-haga tkun giet iccarata fid-dikjarazzjoni li l-attur jaghmel u jipprezenta ma' l-att tac-citazzjoni, dan huwa bizzejjed biex ic-citazzjoni tigi salvata (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fil-21 ta' Marzu 1988 fil-kawza fl-ismijiet <u>Francis Xavier sive Mose Aquilina v. Carmela sive Lina Aquilina</u>, kif ukoll il-gurisprudenza kopjuza hemm citata).

17. Issa jekk jigu applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern wiehed isib li c-citazzjoni ma gietxipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex izda giet effettivament ipprezentata fir-registru tal-Qorti ta' Malta u precizament fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, kif jirrizulta mit-timbru tar-registru tal-Qrati Superjuri ta' Malta li sar fis-27 ta' April, 1999. Inoltre, d-dikjarazzjoni ta' l-atturi, konfermata bil-gurament ta' l-attrici Cheryl Camilleri, liema dikjarazzjoni tinsab a fol. 3 tal-process, tindika car u tond li c-citazzjoni kienet qeghda ssir "fil-Prim Awla tal-Qorti Civili". Apparti dak kollu li ntqal sa issa, in-nuqqas in kwistjoni fuq l-att tac-citazzjoni ma gab assolutament l-ebda pregudizzju ghad-difiza tal-konvenuti u ghalhekk certament wiehed ma jista' jislet ebda raguni gusta u valida ta' nullita` fil-konfront ta' l-odjerna citazzjoni minhabba l-imsemmi nuqqas.

18. Il-lament l-iehor procedurali tal-konvenuti appellanti huwa li c-citazzjoni ma ggibx il-firma ta' prokuratur legali, liema nuqqas il-konvenuti appellanti qed isostnu li ghandu jgib in-nullita` ta' l-att tac-citazzjoni. Din l-allegazzjoni hija manifestament zbaljata ghaliex l-att tac-citazzjoni gie ipprezentat mill-parti stess, cioe` mill-atturi, kif huma

intitolati li jaghmlu a tenur ta' l-Artikolu 180(1)(a) ta' Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Ma dan ghandu jizdied illi l-Artikolu 178(1) ta' l-istess Kodici espressament jipprovdi li l-iskritturi ghandhom ikunu iffirmati mill-avukat, u meta jkun hemm, minn prokuratur legali. Minn din id-dispozizzjoni huwa evidentissimu li l-firma tal-prokuratur legali mhijiex essenzjali ghall-validita` ta' l-att ghaliex il-prokuratur legali ghandu jiffirma l-att tac-citazzjoni biss meta huwa gie inkarigat mill-parti. F'dan il-kaz prokuratur legali ma giex inkarigat mill-atturi. Isegwi ghalhekk li anke dan l-aggravju ta' natura procedurali ma huwiex gustifikat u konsegwentement ir-relattiva eccezzjoni li taw il-konvenuti qeghda tigi michuda. Anzi dan l-aggravju, bhall-eccezzjoni fl-istess sens, huwa wiehed fieragh.

19. It-tieni aggravju tal-konvenut appellanti huwa fis-sens li l-ewwel Onorabbli Qorti ma laqghetx l-eccezzjoni taghhom li huma ma kienux il-legittimi kontradittUri stante li ebda wiehed minnhom ma kien is-sid ic-cint in kwistjoni. L-appellanti jispjegaw dan l-aggravju taghhom testwalment hekk:
"Ir-raguni li tat il-Qorti kien li l-konvenut Silvio Camilleri ma xehedx u li ghalkemm John Gravina xehed bil-gurament li huwa talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Cammast Limited, il-fatt li xehed li l-bennejja li bnew il-hajt kien qabbadhom Silvio Camilleri dan il-fatti ma jippruvaw [recte: jippruvawx] li l-hajt mhux kif qed jghidu l-atturi.

Bir-rispett kollu din il-Qorti tghallimna li min allega li l-hajt huwa proprjeta` tal-konvenuti appellanti kien fid-dmir u dover tieghu li jipprova huwa dak li qed jallega. Inoltre, fix-xiehda ta' John Gravina li ta quddiem l-ewwel Qorti fl-20 ta' April 2002 (fol. 72) l-ewwel Qorti halliet [barra?] l-ahhar parti ta' l-istess xiehda fejn qal li l-ewwel Qorti kellha ssib favur l-eccezzjoni illi l-konvenuti appellanti, kif imharrka, ma humiex il-legittimi kontradittUri u dan stante li c-cint huwa proprjeta` ta' Cammast Limited."

20. L-atturi appellati irribattew testwalment hekk:
"Illi l-appellati jesprimu s-sorpriza taghhom ghall-fatt illi l-appellanti hassew ruhhom aggravati meta l-ewwel Qorti

cahdet din l-eccezzjoni taghhom. Il-konvenuti kellhom kull opportunita` jressqu xi tip ta’ prova sabiex juru illi l-hajt ma kienx proprjeta` taghhom jew li ma giex kostruwit minnhom. Dan pero` ghazlu li ma jaghmluhx. Fil-fatt f’dawn il-proceduri l-unika provi li tressqu kienu l-provi ta’ l-atturi.

L-appellant qieghed issa, f’dan l-istadju, jipprova jiggranfa ma’ dik il-parti tax-xiehda ta’ John Gravina fejn dan qal illi huwa talab u ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra Cammast Limited biex jippruvaw jikkonvincu il-Qorti illi l-hajt mhuwiex proprjeta` tal-konvenuti. Bir-rispett kollu dan il-fatt ma jezonerax lill-konvenuti mir-responsabilita`. Fl-ewwel lok ma gietxipprezentata kopja tal-mandat relattiv u sekondament anke jekk Gravina ipprezenta mandat kontra Cammast Limited dan ma jfissirx necessarjament illi l-hajt inbena minn jew huwa proprjeta` ta’ din is-socjeta`.

Illi irrizulta anzi mix-xiehda illi l-hajt in kwistjoni nbena mill-konvenut Silvio Camilleri jew haddiema tieghu. Dwar dan issir referenza ghan-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-esponent.”

21. Fl-imsemmija nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-atturi, li tinsab a fol. 89 *et seq.* tal-process, insibu hekk:
“Il-kawza odjerna giet intavolata kemm kontra Silvio Camilleri kif ukoll kontra Master Wine Limited peress illi Silvio Camilleri huwa d-direttur ta’ Master Wine Limited u l-atturi fil-mument meta ipprezentaw il-kawza ma kienux certi jekk dan agixxiex personalment meta tella’ c-cint jew bhala direttur ta’ Master Wine Limited….”

“… Illi mill-ewwel ghandu jigi rilevat illi l-konvenuti ma ipproducew l-ebda prova in sostenn ta’ din l-eccezzjoni. Mill-provi prodotti anzi jirrizulta l-kuntrarju, ossia illi c-cint ittella’ mill-konvenut Silvio Camilleri jew haddiema inkarigati minnu. Dan jirrizulta mis-segwenti xiehda:

John Gravina li xehed fl-20 ta’ April 2001, qal:

“Il-hajt inbena fuq inkarigu tas-Sur Silvio Camilleri”

Joseph Gauci li iddepona fil-15 ta’ Dicembru 1999, xehed:

“Hemmhekk kien qed jinbena garaxx li sa fejn naf jien kellu jkun proprjeta` ta’ Silvio Camilleri tal-Master Wine.”

Illi din l-allegazzjoni bl-ebda mod ma giet kontradetta mill-konvenuti.

ii) Bla pregudizzju ix-xogholijiet fuq l-istess cint ma tkomplewx stante li kien hemm ordni tal-Qorti, permezz ta’ mandat ta’ inibizzjoni, istitwit minn certu Ivan Gravina.

iii) Il-hajt inbena skond is-sengha u l-arti….”

“…Illi huwa car illi l-konvenut ma agixxiex bhala bonus paterfamilias u dan ghal bosta ragunijiet. Ic-cint in kwistjoni mhuwiex fi proprjeta` privata mhux accessibbli mill-pubbliku. Anzi huwa accessibbli mit-triq u fil-fatt huwa magenb bankina u t-triq. Kwandi una volta illi c-cint huwa ta’ perikolu, u dan gie stabbilit kemm mir-rapport peritali u anke mix-xhieda prodotti, huwa previdibbli hafna illi dan ic-cint jista’ jkorri lil min ikun ghaddej fit-triq….”

“…Illi l-konvenut lanqas ma jista’ jittanta jiskolpi [recte: jiskolpa] ruhu minn din in-negligenza minhabba l-fatt illi gie intavolat fil-konfront tieghu xi madnat ta’ inibizzjoni. Fl-ewwel lok il-konvenut ma esebixxa l-ebda mandat ta’ inibizzjoni in sostenn ta’ l-eccezzjoni tieghu. Sekondament l-uniku mandat ta’ inibizzjoni li ssemma’ kien wiehed kontra s-socjeta` Cammast u dan issemma’ mix-xhud John Gravina. Finalment anke kieku verament sar mandat ta’ inibizzjoni kontra l-konvneuti dan ma jezentax lill-istess mill-obbligi taghhom. Semai, mandat ta’ inibizzjoni fic-cirkostanzi seta’ sar biss biex ma jissoktax xoghol ta’ kostruzzjoni. Kwindi dan zgur illi qatt ma seta’ izomm lill-konvenuti milli jaghmlu xoghol ta’ riforzar fuq l-istess cint. In oltre zgur li l-ebda Qorti m’hi ser tqis bhala ksur ta’ ordni kontenuta f’mandat ta’ inibizzjoni l-agir ta’ persuna illi tmantni jew issahhah cint

biex ma jibqax ta' periklu ghall-pubbliku li jkun ghaddej magenbu. Kwindi din l-eccezzjoni zgur ma treggix."

22. L-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet hekk fil-konfront ta' din l-eccezzjoni:
"Il-konvenuti eccepew preliminarjament li huma m'humiex il-legittimi kontradditturi peress li huma mhux is-sidien tac-cint in kwistjoni.

Dwar din l-eccezzjoni l-attur xehed li c-cint hu proprjeta` ta' Silvio Camilleri jew tal-kumpanija tieghu Master Wine Limited. Il-konvenut ma xehedx izda fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu ghamel biss referenza ghax-xiehda ta' John Gravina li qal li hu kien talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Camast Ltd ghalkemm fizikament il-hajt bnewh il-bennejja li qabbad Silvio Camilleri u fuq inkarigu ta' l-istess Camilleri. Il-konvenut pero` ma indikax ta' min hu l-hajt jekk hux kif qed jghidu l-atturi jew kif qed jghid Gravina. In vista ta' dan, il-Qorti tiddeciedi li l-konvenuti ma jippruvawx li l-hajt mhux kif qed jghidu l-atturi u ghalhekk l-eccezzjoni taghhom qed tigi michuda."

23. L-awtur Ingiliz Charlesworth fit-test "The Law of Negligence", it-tieni edizzjoni *page* 155 sa 156, jenuncja s-segwenzi principju:
"*The obligation to maintain premises adjoining the highway so that they are not dangerous to persons using the highway extends to fences and boundary walls adjoining the highway. If a person, in the ordinary and reasonable use of the highway, leans upon or otherwise comes in contact with the fence or wall so that it gives way and he is injured, he can recover from the occupier of the premises.*"

Din is-silta giet citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fl-14 ta' Lulju 1988, fil-kawza fl-ismijiet Rosaria Attard et v. Joseph Farrugia noe u ziedet tghid hekk:

"Biex id-detentur ta' fond ikun responsabbli ghad-danni jehtieg li jkun hemm "*ordinary and reasonable use of the highway*" u ghalhekk jekk wiehed jistrieh ma' hajt ta' fond u dan icedi, ikun hemm dritt tad-danni kontra d-detentur tal-fond."

24. Kif diga` ntqal, l-atturi qeghdin jallegaw illi l-incident li fih korriet il-minuri Rebecca Camilleri sehh b'responsabilita` tal-konvenuti, t-tnejn f'daqqa, jew min minnhom, ghaliex l-atturi qeghdin jallegaw li l-imsemmi cint li minnu waqa' kantun u korra lill-istess Rebecca Camilleri, kien mibni mhux skond is-sengha u l-art ghaliex inbena b'imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti kif ukoll ghax l-istess cint ma inghatax dik id-diligenza fil-manutenzjoni tieghu. Huwa principju fondamentali tal-procedura civili li l-piz tal-prova ta' min jallega fatt huwa mitfugh fuq spallejh stess. Fi kliem iehor f'din il-kawza l-atturi kellhom id-dover li jippruvaw li l-imsemmi cint inbena mill-konvenut Silvio Camilleri proprju jew inkella mis-socjeta` konvenuta Master Wine Limited. Kienet ukoll importanti l-prova dwar lil min ezattament jappartjeni l-hajt in kwistjoni u min kellu l-obbligu li jara li ma jkun ta' ebda perikolu ghal hadd, in vista tal-fatt li kien imiss ma' bankina pubblika.

25. Is-sitwazzjoni dwar il-proprjeta` ta' l-istess hajt jew cint giet iccarata ghaliex fil-mori ta' dan l-appell, il-vertenza li kien hemm bejn John Gravina u s-socjeta` Cammast Limited giet rizoluta in forza ta' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Jannar, 2003. Din is-sentenza giet esebita fl-atti tal-kawza u tinsab a fol. 138 *et sequitur* tal-process. Ta' min jirrileva wkoll li qabel ma giet ippronunzjata din is-sentenza, l-attur appellat kien intavola rikors (ara fol. 69 tal-process) biex jitharrek John Gravina b'xhud tieghu, f'liema rikors <u>inter alia</u> hemm espressament premess hekk (ara t-tielet paragrafu ta' dan ir-rikors),
<u>"Illi l-atturi jafu illi l-art li fuqha inbena c-cint in kwistjoni mhux tal-konvenuti pero` hija ta' certu John Gravina."</u>

26. Tenut kont tas-suespost huwa aktar minn evidenti li la l-konvenut Silvio Camilleri u wisq anqas is-socjeta` Master Wine Limited ma setghu jinzammu responsabbli qua proprjetarji tal-hajt jew l-art fejn inbena c-cint de quo ghax dan ma kienx fil-fatt il-kaz. Dan, pero`, ma jfissirx li konsegwentement ebda wiehed mill-konvenuti ma seta' kienu responsabbli ghas-sinistru. Fil-fatt jekk wiehed jezamina sew l-att tac-citazzjoni l-atturi jippremettu li qed iharrku "lill-konvenuti jew min minnhom" minhabba li "ceda kantun minn cint kostruwit mill-konvenuti jew min minnhom", u "illi dan l-incident sehh tort tal-konvenuti jew min minnhom minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti meta gie kostruwit cint li ma sarx skond is-sengha u l-arti u ma mantnewx l-istess cint b'diligenza". Fi kliem iehor, in-ness ta' responsabilita` bejn kawza u effett mhijiex marbuta necessarjament mal-proprjeta` ta' l-art jew ta' dan ic-cint, imma ma' kien responsabbli biex effettivament jinbena tali hajt.

27. Huwa minnu li hemm provi sufficjenti li juru li sid il-proprjeta` fejn inbena dan ic-cint kienet is-socjeta` Cammast Limited. Madanakollu l-atturi appellati ressqu provi sufficjenti – li ma gewx kontradetti minimament – li c-cint de quo gie kostruwit fuq inkarigu ta' l-appellant Silvio Camilleri. Minn ezami tal-provi – hekk ara x-xiehda moghtija mill-atturi, Joseph Gauci u John Gravina – jirrizulta kjarament li x-xoghol fuq ic-cint tela' fuq inkarigu tal-konvenut Silvio Camilleri. Issa, jekk dan il-konvenut kien "a sua volta" qed jagixxi b'inkarigu moghti lilu mis-socjeta` Cammast Limited, tali prova kienet tispetta lilu u mhux lill-atturi. Quddiem tali fatt – dak li c-cint de quo inbena fuq inkarigu tieghu – il-konvenut Silvio Camilleri baqa' sieket u fil-fatt lanqas biss xehed f'din il-kawza. Fl-aggravju taghhom dwar responsabbilita`, il-konvenuti appellanti jissottomettu wkoll li

"Ir-responsabbilita` ta' l-istess cint kienet ta' min talab u ottjena l-ordni tal-Qorti sabiex sid l-istess cint ma jmissux fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 'John Gravina v. Cammast Limited' u mhux ta' l-esponenti appellanti."

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dan l-aggravju jista' jitqies li huwa validu biss fir-rigward tas-socjeta` Master Wine Limited. Dan ghaliex ma hemm l-ebda prova li torbot legalment lil din is-socjeta` mac-cint li nbena. Bil-fatt biss li jinghad li l-konvenut Silvio Camilleri kien direttur taghha ma jfissirx li hu bilfors agixxa f'isimha. Il-posizzjoni tal-konvenut appellant Silvio Camilleri proprio pero` hija ghal kollox differenti. Darba li jirrizulta kjarament li kien hu li inkariga bennejja biex jerigu dan ic-cint, ir-responsabbilita` rigwardanti l-istess cint kienet tieghu. Mhux bizzejjed li jinghad li la x-xoghol fuq dan ic-cint gie kolpit b'mandat ta' inibizzjoni, allura min bnieh hu awtomatikament ezonerat minn kull responsabbilita`. Ha xi azzjoni jew mizura l-istess konvenut appellant biex jghabbi bir-responsabbilita` ta' dan ic-cint inkomplet fuq xi wiehed mill-kontendenti – John Gravina u Cammast Limited – li kienu qeghdin jikkontestaw il-proprjeta` tieghu? Gab xi prova dan il-konvenut biex juri kif huwa kien inibit milli jkompli x-xoghol fuq ic-cint jew ta' lanqas jirrimovieh? L-inibizzjoni ma nhargitx kontrih imma kontra terz. Isegwi mela li sakemm il-konvenut Silvio Camilleri proprio ma kienx qieghed fil-fatt jagixxi b'inkarigu ta' Cammast Limited, huwa ma kellu ebda ordni li tinibih fir-rigward tac-cint de quo. Minbarra dan, din il-Qorti lanqas tifhem kif fl-istess nifs li dan il-konvenut jeccepixxi li hu ma kienx legittimu kontradittur in kwantu mhux sid l-art fejn inbena c-cint, fl-istess waqt ikompli jeccepixxi, ankorche` "bla pregudizzju", dwar l-istess cint "li l-hajt inbena skond l-arti u s-sengha u dana skond kif jista' jiccertifika l-Perit Dennis de Lucca" u li "l-istess hajt kien jigi regolarment mantenut". Apparti li l-konvenut ma ipproduca l-ebda arkitett in sostenn ta' dak li gie eccepit minnu, x'interess kellu dan il-konvenut li jidhol f'dan il-meritu li kieku tassew huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-kostruzzjoni ta' dan ic-cint?!

28. Isegwi mis-suespost li filwaqt li certament ma tistax tigi addossata xi responsabilita` lill-Master Wine Limited ghan-nuqqas ta' tkomplija tac-cint de quo billi din kienet ghal kollox estraneja ghal dak li gara, l-istess ma jistax jinghad fir-rigward tal-konvenut l-iehor. Il-provi akkwiziti kienu juru kjarament li kien Silvio Camilleri li inkariga

bennejja biex jaghtu bidu ghall-bini ta' dan ic-cint. Jekk dan il-konvenut imbaghad kien qed jagixxi b'inkarigu ta' Cammast Limited, tali prova kienet tinkombi fuqu u mhux fuq l-appellati. Wara kollox, kien hu personalment li deher fuq il-post flimkien mal-bennejja u sahansitra tkellem mal-girien, fosthom l-atturi, dwar x'kien fi hsiebu jaghmel bil-bini ta' l-istess cint.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju tas-socjeta` Master Wine Limited huwa fondat u qed jigi milqugh, filwaqt li fir-rigward tal-konvenut Silvio Camilleri proprio qieghed jigi michud ghax huwa infondat.

## L-Aggravju dwar il-"Causa Causans" ta' l-Incident u l-Appell Incidentali ta' l-Appellanti

29. Illi apparti s-suespost, l-appellant konvenut Silvio Camilleri jissottometti wkoll li, fi kwalsiasi kaz, il-"causa causans" ta' l-incident kienet dovuta unikament ghall-mod inkonsult ta' kif it-tfal, fosthom bint l-atturi, uzaw ic-cint de quo biex jilghabu fuqu. Dak li gara sehh ghar-raguni li t-tifla ta' l-atturi injorat dak li wissiha missierha biex tevita, u mhux ghax il-binja tac-cint kienet difettuza.

Min-naha l-ohra l-atturi intavolaw appell incidentali. Skond huma, il-vittma ma kienet tahti xejn ghas-sinistru. Li gara kien li l-hajt li suppost beda jinbena biex izomm in-nies 'l hinn minn xi periklu spicca biex waqa' u ikkaguna feriti gravi u permanenti fuq il-persuna ta' bint l-atturi. Huma talbu ghalhekk riforma tas-sentenza appellata billi tigi revokata fejn gie attribwit lill-appellanti terz mit-tort ta' l-incident tal-20 ta' Ottubru [recte: Dicembru] 1998, u minflok, talbu li jew it-tort kollu ta' dan l-incident jigi akkollat fuq il-konvenuti appellanti jew, alternattivament tigi attribwita lilhom parti akbar mit-tort.

30. Din il-Qorti ezaminat dawn iz-zewg aggravju u billi huma intimament konnessi ma' xulxin sejra tikkunsidrahom flimkien. Qabel xejn, din il-Qorti gia` esprimiet ruhha fis-sens li kwantu ghas-socjeta` konvenuta Master Wine Limited din qeghda tigi dikjarata

ezonerata minn kull responsabbilita` u qeghda tigi ghalhekk milqugha l-eccezzjoni taghha li hija tassew ma kienitx il-legittimu kontradittur u f'dan is-sens dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti iddikjaratha ko-responsabbli ghall-incident de quo trid tigi revokata.

31. Ghall-bqija ta' l-aggravji, din il-Qorti jidhrilha li kien hemm htijiet reciproci kemm da parti tal-konvenut appellanti Silvio Camilleri kif ukoll, u maggorment, da parti tal-vittma, bint l-atturi appellati. Li kieku c-cint de quo kien fi stat ghal kollox sod u integru, l-ebda cangun ma kien jaqa' kif waqa' u mill-banda l-ohra li kieku l-vittma ma ghazlitx li tmur tilghab fuqu, kif wara kollox wissiha l-attur missierha li ma kellhiex taghmel, ebda cangun minn dan ic-cint ma kien ikorriha. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, fir-rigward ta' htija, il-proporzjoni ta' terz attribwibbli lill-appellant Silvio Camilleri u zewg terzi attribwibbli fuq il-vittma bint l-atturi, kien, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, wiehed gust u korrett u jfisser ghalhekk li ma hemm xejn x'jigi riformat taht dan l-aspett mis-sentenza appellata fil-konfront tal-konvenut appellant Silvio Camilleri.

Jigi rilevat li ma hemm ebda aggravju, la min-naha u lanqas minn ohra, rigwardanti l-percentwal ta' dizabilita` permanenti, jigifieri wiehed ta' erbatax fil-mija (14%).

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-appell tas-socjeta` Master Wine Limited fis-sens li qeghda tiddikjaraha bhala mhix il-legittimu kontradditur u tirriforma ghalhekk is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, tirrevoka hekk dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabitha ko-responsabbli ghall-incident de quo; u fl-istess waqt tichad l-appell tal-konvenut l-iehor Silvio Camilleri kif ukoll l-appell incidentali ta' l-atturi billi tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

Kwantu ghal kap ta' l-ispejjez dawk relativi ghas-socjeta` Master Wine Limited ikunu a karigu ta' l-atturi kwantu ghaz-zewg istanzi; u kwantu ghall-bqija jithallsu hekk: kwantu ghall-ewwel istanza terz mill-konvenut Silvio Camilleri u zewg terzi mill-atturi, ad eccezzjoni ta' l-ispejjez relativi ghas-socjeta` Master Wine Limited; u

kwantu ghall-appell principali l-ispejjez tieghu jkunu a karigu ta’ l-imsemmi Silvio Camilleri ad eccezzjoni ta’ l-ispejjez relativi ghas-socjeta` Master Wine Limited; filwaqt li l-ispejjez gudizzjarji relativi ghall-appell incidentali jithallsu unikament mill-atturi.

Fl-ahharnett billi din hija biss decizjoni in parte tordna li l-atti tal-kawza jigu rimessi quddiem l-ewwel Qorti biex tkompli tisma’ l-kawza skond il-ligi.

Deputat Registratur
Mgc

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Ottubru 2002, qeghda tigi annessa bhala appendici ma’ l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------